# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/95

**tal-21 ta' Jannar 2019**

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK ([1]).

(2) Wara l-mewt ta' persuna nominata, il-Kunsill iqis li l-entrata għal din il-persuna jenħtieġ li titħassar mill-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

(3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat kif indikat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Jannar 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

*ANNESS*

L-entrata li tikkonċerna l-persuna li ġejja titħassar mil-lista li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

| | |
|---|---|
| "150. | Iosif (Joseph) Davydovich KOBZON" |